MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 412/2011

**App. Nru. 412 / 2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

***Omissis***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra *Omissis* talli f'Malta f'Novembru 2010 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'egħmil żieni, ikkorrompa lil *Omissis (Vittma)* ta 15-il sena liema delitt sar minn membru domestiku kif deskritt fil-liġi;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok, u ċirkustanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eċċita, għen jew iffaċilita l-korruzzjoni ta' *Omissis (Vittma)* ta' 15-il sena;
3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok, u cirkustanzi, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta`;
4. U wkoll li rrenda ruhu reċidiv ai termini ta' artikoli 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li tohroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' *Omissis (Vittma)* u l-familja tagħha ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmi *Omissis* għar-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, iddikjarat li għar-rigward l-ewwel imputazzjoni l-procediment huwa ezawrit in vista tar-rinunzja tal-parti leża, sabet lill-istess *Omissis* mhux ħati tat-tieni imputazzjoni li minnha lliberatu, sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u tar-raba' imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 18, 204C, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta kkundannat lill-istess *Omissis* għal ħames snin u nofs priġunerija li minnhom jrid jitnaqqas iż-żmien li serva f'arrest preventiv;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' *Omissis* ppreżentat fl-20 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fejn sabitu mhux ħati u lliberatu, tirriforma s-sentenza dwar it-tielet imputazzjoni u jiġi applikat l-Artikolu 204C(1), tilliberah mir-raba' imputazzjoni, u fin-nuqqas tapplika sentenza ta' piena ferm anqas onoruża minn dik applikata mill-ewwel Qorti;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appell huwa dwar il-piena. L-appellant jgħid: (1) illi l-ewwel Qorti, għal dik li hija t-tielet imputazzjoni, żiedet l-aggravju bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 204C(2). Jgħid illi, filwaqt illi l-ewwel Qorti qalet li l-appellant ma setax ikun fis-setgħa ta' ġenitur meta wettaq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, xorta waslet għall-konklużjoni li kien *"in a recognised position of trust, authority or influence over such person"* għax kellu rwol ta' *step-father*. Biex tapplika dan l-aggravju, il-liġi tindika li ċ-ċirkostanzi jridu jkunu li l-appellant *"wilfully or recklessly endangered the life of the person under age"*, liema prova l-appellant jgħid li qatt ma nġiebet. Isostni illi l-ewwel Qorti għamlet żball fattwali meta għamlet bħala fatt, li effettivament ma rriżultax, li għax weldet zewġt itfal il-minuri *Omissis (Vittma)* kienet f'perikolu għal ħajjitha f'kull wild; (2) illi l-piena hi rragonevoli u eċċessiva; (3) illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx illi kienet l-istess minorenni illi kienet tiffitta lill-appellant biex ikollu x'jaqsam magħha sesswalment; (4) illi r-relazzjoni ta' l-appellant ma' *Omissis (Omm il-Vittma)* ma tinkwadra xejn fir-reat in eżami; (5) illi l-ewwel Qorti kellha, dwar l-applikazzjoni tar-reċidiva, tissindika kemm il-kwistjoni ta' l-identita` tal-persuna kif ukoll dwar ir-reat li dwaru kien reċidiv.

**6.** Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi dan kien każ fejn l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu fit-tieni seduta, u ċioe` meta kienu se jibdew jinstemgħu l-provi. Fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun

tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** Fil-każ in eżami l-ewwel Qorti, kwantu għall-imputazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali, iddeċidiet li kien applikabbli s-subartikolu (2)(c)(d)(i) ta' l-imsemmi artikolu 204C. Dan jipprovdi illi r-reat ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-eta` **"għandu jkun punibbli bi priġunerija għal żmien minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin: … (*ċ*) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq tali persuna u tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (*d*); (*d*) iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*) huma dawn li ġejjin: (i) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età"**. L-ewwel Qorti ssostanzjat dan billi qalet illi "huwa risaput illi t-tqala u l-partum fuq *teenage girls* isiru b'riskju ta' ħajjet dawn it-tfajliet żgħar."

**8.** Issa, bil-pożizzjoni li l-appellant kellu fil-familja konċernata, bħala l-*partner* ta' omm il-minuri, m'hemmx dubju li huwa kellu pożizzjoni ta' fiduċja, awtorita` jew influwenza fuq il-minuri. Pero` ma nġabet l-ebda prova li turi li l-ħajja tal-minuri ikkonċernata, bit-tqala u l-*partum*, qatt kienet fil-perikolu. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija taħt l-artikolu 206C(2)(c)(d)(i) iżda taħt l-artikolu 206C(1). Kwindi jrid ikun hemm temperament fil-piena.

**9.** L-appellant jgħid ukoll illi l-ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi kienet il-minuri li kienet tiffittah u li dam sena jirreżistiha. Il-minuri stess insistiet li l-attivitajiet sesswali kienu konsenswali u kienet proprju hi li kienet tmur fuq l-appellant sabiex ikollhom tali relazzjonijiet intimi. Jgħid ukoll illi l-fatt li kellu tarbija ma'

omm il-minuri ma kellhiex tkun konsiderazzjoni li kellha tagħmel l-ewwel Qorti għax ma jinkwadra xejn mal-fatti u mar-reat in eżami.

**10.** Konċess illi kienet tiffittah il-minuri, dak li kellu jagħmel l-appellant, minbarra li jinforma mill-ewwel lil ommha, kien li ma jfittixx li jkun waħdu fid-dar mal-minuri. Dwar il-fatt illi kellu tarbija wkoll minn omm il-minuri, dan huwa fatt illi m'għandu l-ebda influwenza fuq il-piena. Mill-banda l-oħra, din il-Qorti tirreferi għal dak li qal fl-istqarrija tiegħu meta, mistoqsi x'kien iħoss wara li kien isir xi att sesswali mal-minuri, wieġeb: "Xejn għax jiena r-relazzjoni tiegħi hija ma' *Omissis (Omm il-Vittma)* u mhux ma' *Omissis (Vittma)*. Filwaqt li wara li jkolli x'naqsam ma' *Omissis (Omm il-Vittma)* kont inħossni tajjeb, ma' *Omissis (Vittma)* ma kont inħoss xejn." Dan ifisser illi meta beda "jċedi għat-tentazzjoni", lill-minuri kien qiegħed jużaha bħala oġġett u b'hekk japprofitta ruħu mis-sitwazzjoni flok jaħrabha.

**11.** Dwar l-addebitu tar-reċidiva l-appellant jgħid illi l-ewwel Qorti kellha tissindika kemm il-kwistjoni ta' l-identita` tal-persuna kif ukoll dwar ir-reat li dwaru kien recidiv. L-appellant, pero`, m'għandux raġun. Mhux biss l-appellant kien ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2011, iżda saħansitra fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2011 meta l-prosekuzzjoni esebiet is-sentenza Dok. MC7 huwa eżenta lilll-prosekuzzjoni mill-prova tar-reċidiva u ddikjara li kien qiegħed jaċċetta s-sentenza esebita bħala mgħoddija in ġudikat fil-konfront tiegħu.

**12.** Kwantu għall-piena, bħalma ndika l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-gudizzju tad-9 ta' Frar 2011, minbarra l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali stante r-reċidiva, huwa applikabbli wkoll l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali in vista tar-ripetizzjoni ta' l-atti u allura li hawn si tratta ta' reat kontinwat.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu gie applikat l-aggravju skond l-artikolu 204C(2)(c)(d)(i) tal-Kodiċi Kriminali u in

kwantu ġie kkundannat ħames snin u nofs priġunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ erba’ snin priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------